TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/540/11/S

Mario Borg
Vs
Telecom Electronics Ltd.

Illum 19 t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Mario Borg ipprezentata fit-30 ta'Dicembru,2011 u r-risposta tas-socjeta Telecom Electronics Ltd ipprezentata fl-1 ta'Gunju,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fit-28 ta'Gunju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda telefon cellulari mixtri mill-attur minghand is-socjeta konvenuta filwaqt li l-ilment tal-attur kien wiehed dwar 'reception';

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta konvenuta biddlet il-'mainboard' u ghalhekk kien hemm bzonn li jghaddi ftit zmien biex jigi konfermat jekk il-problema kinitx minn hemm jew le;

Illi l-attur ma rnexxilux jipprova dak allegat minnu u cioe li s-sett mixtri kien difettuz partikolarment wara li inbidel is-sett u l-ilment baqa' l-istess;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni meta l-ilment jirrigwarda 'reception' bhall-ilment odjern;

Illi mhux bilfors li l-allegat ilment ta' "reception" hu b'konsegwenza ta' xi difett fit-telefon cellulari u l-attur ma ppruvax li l-ilment tieghu hu b'konsegwenza tas-sett difettuz;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta Telecom Communications Ltd u Jichad it-talba ta' Mario Borg, b'kull parti thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888